

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

Kontroll tal-Implimentazzjoni Baġitarja tal-Istrument għal Għajjnuna qabel l-Adeżjoni

P6_TA(2009)0237

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 dwar il-Kontroll tal-Implimentazzjoni Baġitarja tal-Istrument għal Għajjnuna qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-2007 (2008/2206(INI))

(2010/C 184 E/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2006 dwar Strument għal Għajjnuna qabel l-Adeżjoni (IPA) Qafas Finanzjarju Indikattiv Multiannwali għall-2008-2010 (COM(2006)0672),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2007 dwar Strument għal Għajjnuna qabel l-Adeżjoni (IPA) Qafas Finanzjarju Indikattiv Multiannwali għall-2009-2010 (COM(2007)0689),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-IPA għall-2007 mill-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2008 (COM(2008)0850 u SEC(2008)3026),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2008 dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2008-2009 u r-Rapporti dwar il-Progress tal-Pajjiżi 2008 meħmużin magħha (COM(2008)0674 flimkien ma' SEC(2008)2692 sa SEC(2008)2699),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2008 bit-titlu "Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet – Ġlieda kontra l-frodi – Rapport Annwali 2007" (COM(2008)0475 inkluż l-anness SEC(2008)2300),

⁽¹⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p.82.⁽²⁾ ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1.

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008 dwar l-Istrument ta' Politika Strutturali Għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) 2007 (COM(2008)0671 u SEC(2008)2681),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni 2007 tat-22 ta' Diċembru 2008 dwar il-PHARE, l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni tat-Turkija, il-Programm CARDS u l-Faċilità ta' Tranżizzjoni (COM(2008)0880 u SEC(2008)3075),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 5/2007 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-programm CARDS, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2007 dwar l-Attività tad-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Tkabbir ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-tkabbir u, b'mod partikulari, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar id-dokument ta' strateġija dwar it-tkabbir 2007 tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar ir-Rapport ta' Progress 2007 dwar il-Kroazja ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2008 dwar ir-Rapport ta' Progress 2007 dwar l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ⁽⁶⁾,
- ? wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ir-Rapport ta' Progress 2007 dwar it-Turkija ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar ir-relazzjonijiet Kummerċjali u Ekonomiki mal-Balkani tal-Punent ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fil-Pajjiżi tal-Balkani ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra ż-żjara tad-delegazzjoni investigattiva tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju tiegħu fil-Kosovo ⁽¹⁰⁾ mit-22 sal-25 ta' Ġunju 2008, u r-rapport rilevanti dwar il-missjoni ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 53 tiegħu, u wara li kkunsidra r-regoli implimentattivi tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat tal-Affarijiet Barranin (A6-0181/2009),

⁽¹⁾ ĠU C 311, 5.12.2008, p. 42.

⁽²⁾ ĠU C 285, 27.11.2007, p. 1.

⁽³⁾ 31.3.2008, http://ec.europa.eu/atwork/synthesis/aar/doc/elarg_aar.pdf.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P6_TA(2008)0363.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2008)0120.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P6_TA(2008)0172.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P6_TA(2008)0224.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0005.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P6_TA(2008)0582.

⁽¹⁰⁾ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti 1244(1999).

⁽¹¹⁾ <http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/publicationsCom.do?language=EN &body=CONT>.

⁽¹²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

- A. billi l-IPA huwa l-istrument finanzjarju l-għdid li jieħu post l-istrumenti u l-programmi għall-pajjiżi kandidati u daww potenzjali, fosthom il-Phare, is-SAPARD, l-ISPA, l-assistenza finanzjarja għat-Turkija qabel l-adeżjoni, u l-programm CARDS, kif ukoll għandu l-għan li jorganizza l-fondi tal-UE b'mod flessibbli sabiex jifasslu għall-kapaċità għestjonali u għall-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-pajjiżi,
- B. billi l-istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni jikkonsisti fil-ħames komponenti li għejjin li jkopru l-prijoritajiet iddefiniti skont il-bżonnijiet tal-pajjiżi benefiċjarji, fosthom:
- I. L-Assistenza għat-Tranżizzjoni u l-Bini tal-Istituzzjonijiet,
 - II. Il-Koperazzjoni Transkonfinali (CBC),
 - III. L-Iżvilupp Reġjonali,
 - IV. L-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani,
 - V. L-Iżvilupp Rurali,
- C. billi l-istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni huwa fattur prinċipal għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, l-istandards soċjali, il-koperazzjoni reġjonali u ta' bejn il-fruntieri, kif ukoll għall-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali,
- D. billi l-iskop tal-kontroll parlamentari fuq l-implimentazzjoni tal-baġit fil-qasam tal-politika għat-ktabbir mhuwiex biss li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE ntużaw skont id-dispożizzjonijiet regolatorji u l-politiki tal-UE, iżda huwa wkoll li jevalwa kemm jekk dawn għewx allokati b'mod effikaċi għal daww il-prijoritajiet identifikati fir-rapporti ta' strateġija u progress għall-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll jekk ikunux laħqu r-riżultati mixtieqa bl-iskop tal-interessi komuni tal-UE,
- E. billi huwa importanti ħafna li l-implimentazzjoni tal-IPA tiġi eżaminata bir-reqqa u fi stadju bikri sabiex jiġu evitati l-problemi li jkunu għew identifikati tard fl-implimentazzjoni tal-istrumenti preċedenti għall-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-irregolaritajiet li ma jkunux għew ikkunsidrati fiż-żmien stipulat se jimmultiplikaw u li se jkun diffiċli ħafna li dawn jiġu indirizzati iktar tard minħabba li jieħdu l-forma ta' Prattiki ħżiena permanenti,
- F. billi l-għlieda kontra l-korruzzjoni u r-riformi settorjali (tal-ġudikatura, tal-pulizija u tas-settur tal-amministrazzjoni pubblika) għandhom piż mhux biss fuq il-governanza tajba u l-istat tad-dritt iżda wkoll fuq l-ambjent ġenerali tan-negożju,
- G. billi l-IPA, b'mod partikulari permezz tal-analiżi tad-Dokumenti tal-Ippjanar Indikattiv Pluriennali (MIPDs), joffri flessibilità konsiderevoli li tippermetti l-adattament għall-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet u tal-kapaċità ta' għestjoni tal-pajjiżi benefiċjarji,
- H. billi, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006 (ir-Regolament tal-IPA), il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2010, rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-IPA, u jekk ikun il-każ, flimkien ma' proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament,
- I. billi, bħala segwitu għat-talba tal-Parlament, il-Kummissjoni ntrabtet li sa mill-2009 tagħmel reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-pakkett ta' strumenti ta' għajnuna esterna li jinkludi l-istrument għal Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni,
- J. billi l-Parlament għandu, minn issa 'l quddiem, jikkomunika mal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi li jibbenefikaw mill-IPA,

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

Rimarki Ġenerali

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-djalogu strutturat stabbilit mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-IPA u jfakkar il-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward, speċjalment il-bżonn li jingħata aċċess ekwu lill-pajjiżi benefiċjarji kollha għall-firxa sħiħa ta' għodod ta' politika disponibbli taħt l-istrument, biex tingħata prijorità xierqa lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u biex tingħata dejjem aktar attenzjoni lill-bini tal-kapaċità istituzzjonali, b'mod partikulari fil-livell parlamentari, lill-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-miżuri għall-promozzjoni tal-prinċipju ta' tolleranza u nondiskriminazzjoni, lill-iżvilupp uman u lill-kooperazzjoni reġjonali fl-oqsma ta' politika prinċipali;
2. Jinnota b'sodisfazzjoni ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-impenji tal-IPA fl-2007; jiddispjaċih, madankollu, li l-ewwel programmi tal-IPA ġew adottati biss fl-aħħar tal-2007 filwaqt li l-implimentazzjoni propja bdiet biss fl-2008, minħabba l-adozzjoni tard tal-istrument il-ġdid minn naħa u d-dewmien tal-pajjiżi benefiċjarji biex iwaqqfu l-istrutturi u s-sistemi ta' mmaniġġjar neċessarji min-naħa l-oħra; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli għaddeja bl-implimentazzjoni tal-proġetti u tissorvelja l-allokazzjoni tal-fondi u r-riżultati miksuba sabiex jiġi żgurat li l-IPA ikollu impatt viżibbli fil-pajjiżi kkonċernati;
3. Jinnota li, minħabba l-adozzjoni tard tar-Regolament dwar l-IPA u tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 (Regolament għall-implimentazzjoni tal-IPA), u sussegwentement tal-ewwel Qafas Finanzjarju Indikattiv Pluriennali u l-MIPDs, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar tal-programmi u l-proġetti 2007 tal-IPA kienu limitati u għadhom ma tawx riżultati; jenfasisza li t-tranżizzjoni bla xkiel mill-istrumenti preċedenti ta' qabel l-adeżjoni għall-IPA teħtieġ kontinwità fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni xierqa tal-proġetti u l-ħlas tal-pagamenti;
4. Iqis li kien hemm koerenza sodisfaċenti bejn il-Programmi nazzjonali tal-IPA 2007 u l-politika ta' qabel l-adeżjoni tal-UE, minħabba li ħafna mill-oġettivi stabbiliti fil-Programmi kienu konformi mal-prijoritajiet identifikati fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Progress rispettivi;
5. Jinnota li l-pajjiżi kandidati primarjament jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-istandards Ewropej, jiġifieri l-istandards statistiċi, ambjentali u fiskali, u dan huwa konsistenti mal-politika tal-UE għat-tkabbir; madankollu, jinnota li l-importanza tal-kriterji politiċi, jiġifieri l-governanza demokratika, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tar-reliġjon, id-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi, u l-istat tad-dritt m'għandhiex tiddgħajef minħabba li jekk dawn ma jiġux issodisfati jistgħu jinħolqu komplikazzjonijiet u dewmien fin-negożjati; iqis li għandu jkun hemm bilanċ aħjar bejn il-proġetti maħsuba biex jintlaħqu l-kriterji politiċi u l-proġetti maħsuba għall-implimentazzjoni tal-acquis;
6. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-leġittimità u l-kapaċità tal-Unjoni li tippromwovi r-riformi jistgħu jikbru sew jekk l-IPA jiddirezzjona l-għajnuna tiegħu lejn oqsma ta' benefiċċju dirett għaċ-ċittadini tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi kandidati potenzjali, b'mod partikulari fid-dawl tal-ħtiġijiet u l-isfidi ġġenerati mill-kriżi finanzjarja globali;
7. Għalhekk, huwa tal-opinjoni li l-IPA għandu jappoġġja l-isforzi mwettqa mill-pajjiżi benefiċjarji biex jilhq u r-rekwiżiti stipulati fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, sabiex iċ-ċittadini tal-Balkani tal-Punent finalment ikunu jistgħu jgawdu l-libertà tal-moviment u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-programmi u l-iskemi tal-UE; jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid aktar l-allokazzjoni tal-fondi tal-IPA lejn il-programmi Tempus, Erasmus Mundus u Youth in Action;
8. Jinnota l-fatt li l-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tagħti akkreditazzjoni għall-ġestjoni diċentralizzata lill-Kroazja għall-Komponenti I sa IV u lit-Turkija għall-Komponenti I u II lejn l-aħħar tal-2008; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem b'mod intensiv mal-pajjiżi kandidati u daww potenzjali sabiex fil-futur qrib dawn il-pajjiżi jkunu kapaċi jimmaniġġjaw il-fondi b'mod deċentralizzat u b'hekk jiksbu aċċess totali għall-komponenti kollha tal-IPA; madankollu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-setgħat ġestjonali jingħataw bil-kundizzjoni u skont l-effikaċja tagħhom;
9. Jenfasizza li l-użu tal-Istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni huwa responsabilità komuni bejn il-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-koperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tagħha u l-awtoritajiet rispettivi, biex tistabbilixxi kontroll permanenti fuq il-proċeduri tal-implimentazzjoni tal-proġetti u biex taħdem għal miżuri komuni għat-titjib tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji;

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

10. Jenfasizza l-bżonn ta' ġestjoni u kontroll trasparenti u effettiv tal-Istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni, filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet tal-verifiki interni u s-sistemi ta' kontroll ta' kull pajjiż kif ukoll l-aħjar prattiki fil-proċeduri ta' qabel l-adeżjoni tal-pajjiżi li qabel kienu pajjiżi kandidati;

11. Jistenna li kull sena l-Kummissjoni tgħaddi rapport lill-Parlament u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar il-pagamenti u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni, kif ukoll dwar il-fondi li fadal mill-Istrument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument għal Assistenza Qabel l-Adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali u l-Programm Speċjali ta' Adeżjoni għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali, filwaqt li jingħataw dettalji għal kull pajjiż reċipjent u eżempji tal-aħjar prattika, u tirraporta dwar il-problemi kollha jew l-irregolaritajiet li wieħed iltaqa' magħhom;

12. Jinnota li l-kwistjonijiet orizzontali, bħal ma huma l-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali, il-governanza tajba, l-involviment tas-soċjetà ċivili, l-oportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni mhumiex preżenti u viżibbli biżżejjed fil-proġetti tal-IPA għall-2007; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, b'mod partikulari, programmi reġjonali jew orizzontali li jgawdi minnhom kulħadd, speċjalment fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, id-djalogu interkulturali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

13. Jinnota li ġew allokati fondi limitati għal żoni ġeografiċi kbar jew żoni ta' politika komprensiva u li dawn il-fondi huma maqsuma f'hafta proġetti zġhar aktar milli kkonċentrati fuq anqas proġetti li jkunu aktar viżibbli; jinnota li l-programmi nazzjonali annwali għandhom jilhqqu bilanċ bejn il-provvediment ta' reazzjoni adegwata għall-prijoritajiet prinċipali identifikati fir-rapporti ta' progress u l-evitar tal-frammentazzjoni żejda tal-fondi;

Osservazzjonijiet dwar il-politika u l-ispeċifikitajiet tal-pajjiżi

14. Jenfasizza l-bżonn, bħala kwistjoni ta' importanza u urġenza kbira, li l-IPA jintuża biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fil-pajjiżi benefiċjarji kollha, b'attenzjoni speċjali fuq il-ħasil tal-flus, il-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin; jinnota li, minkejja li r-rapporti ta' progress kollha tal-2008 identifikaw il-korruzzjoni bħala problema serja u bħala prijorità ewlenija, mhux il-programmi tal-IPA għall-2007 kollha jqisu l-korruzzjoni b'mod suffiċjenti; jissuġġerixxi li għandhom jiġu allokati fondi għal dan il-għan, bħal fil-każijiet tal-Kroazja ⁽¹⁾ u l-Montenegro ⁽²⁾ u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija aktar koerenti f'dan il-kuntest, li tibni fuq dak li ħareġ fl-aħħar rawnds tat-tkabbir;

15. Jinnota li fil-pajjiżi benefiċjarji, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) għandhom jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv fl-iżvilupp u t-tnedija tal-proġetti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-programmi IPA tal-ġejjieni għandhom jindirizzaw id-dipendenza sistematika tad-donaturi min-naħa tas-CSOs, sabiex tiġi evitata l-eżistenza ta' CSOs "fuq talba", u għandhom jindirizzaw ukoll l-iżvilupp ta' wħud mis-CSOs skont il-linji tal-konflitt etniku u politiku, b'mod speċjali fil-Bożnja u l-Herzegovina, u fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fil-Kosovo ⁽³⁾; jistenna li l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili l-ġdida tindirizza ħafna mill-problemi fir-rigward tad-diversità, il-kumplessità, u l-frammentazzjoni tal-programmi tal-UE;

16. Jinsisti li appoġġ kostanti għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili f'pajjiżi kandidati jew pajjiżi kandidati potenzjali huwa bżonjuż sabiex jinħoloq ambjent kompetittiv fosthom u biex tiġi żgurata s-sostenibilità fil-ħidma tagħhom lejn il-kisba tar-riżultati fl-implimentazzjoni tal-Istrument għal Għajnuna qabel l-Adeżjoni u aktar parteċipazzjoni fil-proġetti ta' ġestjoni;

17. Jinnota li l-proġetti u l-attivitajiet iffinanzjati mill-IPA fir-realtà ma tantx huma ta' suċċess f'termini ta' viżibilità tal-UE u ma ġġenerawx leġittimità "minn isfel għal fuq" biex ikomplu jitjiebu r-relazzjonijiet mal-UE;

⁽¹⁾ Proġett 2007/019-247: It-Titjib tal-Koperazzjoni bejn l-Aġenziji kontra l-korruzzjoni, proġett ta' EUR 2 500 000 għat-tiħni tal-korp ta' koordinazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja inkarigat mill-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni u tat-tqajjim tal-kuxjenza dwar kwistjonijiet tal-korruzzjoni.

⁽²⁾ Proġett 2007/19300: Il-ġlieda kontra l-krimini organizzati u l-korruzzjoni. Dan il-proġett jimmia biex jiġġieled kontra l-krimini organizzati u l-korruzzjoni billi jtejjeb il-prestazzjoni u l-koperazzjoni tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi varji involuti. Hu marbut ma Strateġija tal-Gvern Kontra l-Korruzzjoni usa mal-Pjan ta' Azzjoni. EUR 3 000 000 ġew impenjati għal dan il-proġett.

⁽³⁾ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1244(1999).

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

18. Iqis li l-edukazzjoni u l-impjeg taż-żgħażaġ huma prekondizzjonijiet għall-istabilità u l-iżvilupp fit-tul li għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-qgħad, b'mod speċjali l-qgħad fit-tul fost is-żgħażaġ, bħala kwistjoni ta' importanza kbira li tmiss is-setturi kollha; f'dan ir-rigward jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha teżamina l-possibilità li tagħmel aktar użu mill-flessibilità mogħtija fl-IPA sabiex tippermetti aktar finanzjament, fejn ikun xieraq, tal-miżuri relatati mal-komponenti III-V permezz tal-ewwel żewġ komponenti;

19. Jinnota li l-appoġġ finanzjarju reġjonali mill-IPA huwa relattivament żgħir (madwar 10 % tal-IPA totali), meta wieħed iqis b'mod partikulari li dan ikopri ħdax-il qasam ta' intervent f'sitt pajjiżi, mill-edukazzjoni u ż-żgħażaġ sas-sikurezza nukleari;

20. Huwa mħasseb minħabba li l-allokazzjonijiet totali tal-IPA 2007 għall-Komponent II kienu biss EUR 38 800 000 minn IPA totali ta' EUR 497 200 000 (jiġifieri anqas minn 8 %); jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan jikkontradixxi d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-koperazzjoni transkonfinali tgħin ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u dan huwa relevanti b'mod partikulari f'reġjun bi storja reċenti ta' kunflitti; jiddispaċih li kienet diffiċli li tiġi stabbilita koperazzjoni effettiva, fil-prattika, minħabba diversi raġunijiet, fosthom in-nuqqas ta' qbil fl-istrutturi u l-proċeduri bejn xi msieħba, kif ukoll diffikultajiet politiċi; jistieden lill-pajjiżi benefiċjarji u lill-Kummissjoni sabiex, skont dan il-komponent, jippromwovu l-koperazzjoni eżistenti u jiżviluppaw koperazzjoni ġdida, b'konformità mal-oġġettivi li jitrawmu relazzjonijiet tajba bejn il-viċinat u tiġi promossa l-integrazzjoni ekonomika, b'mod speċjali fl-oqsma tal-ambjent, tal-wirt naturali u kulturali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

21. Huwa mħasseb ukoll minħabba li l-ebda programm tal-IPA 2007 ppreżentat mill-pajjiżi benefiċjarji ma jindirizza direttament id-drittijiet tan-nisa jew l-ugwaljanza bejn is-sessi, minkejja li l-kwistjonijiet dwar is-sessi ġew identifikati bħala sfida ewlenija kemm fir-rapporti ta' progress kif ukoll fl-MIPDs; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi fondi qabel l-adeżjoni għat-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa fil-Pajjiżi tal-Balkani, b'mod partikulari permezz tal-NGOs u tal-organizzazzjonijiet favur in-nisa; jerġa' jstieden lill-Kummissjoni biex talloka l-fondi tal-IPA kif jixraq, sabiex jiġi mħeġġeġ l-ibbaġitar skont is-sessi fil-politika ta' qabel l-adeżjoni u biex tħeġġeġ lill-pajjiżi benefiċjarji jressqu proposti għal proġetti relevanti;

22. Jenfasizza l-bżonn li jiġu involuti dejjem aktar l-organizzazzjonijiet nongovernattivi fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-IPA sabiex ikun żgurat li l-għajnuna tal-IPA tirrifletti l-bżonnijiet u l-aspettattivi reali, biex ikun hemm viżibilità akbar tal-proġetti tal-IPA u biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili mimlija haġja u proattiva fil-pajjiżi benefiċjarji;

23. Jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni speċjali ta' nofs it-terminu sa tmien l-2010 dwar l-implimentazzjoni tal-IPA;

*

* *

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll lill-gvernijiet, lill-parlamenti u lill-istituzzjonijiet ta' verifika nazzjonali tal-pajjiżi li jibbenefikaw mill-IPA.